MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 185/2003

**David D'Amico u Sylvana D'Amico**

**Vs**

**Gaetano u Theresa D'Amico**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sebgha mitt lira Maltija (Lm700) rifuzjoni ta' bilanc ta' somma akbar mislufa brevi manu lill-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw it-talba ta' l-atturi u ddikjaraw li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

1. Il-fatti li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom huma s-segwenti:-

(a) L-attur u l-konvenut huma ahwa;

(b) Fl-1996 il-konvenut talab lil huh sabiex isellfu s-somma ta' Lm4,000 li kien ser juza ghall-akkwist ta' bicca art;

(c) Il-flus inghataw lill-konvenut izda ma sar xejn bil-miktub;
(d) Bejn il-kontendenti hemm kwistjonijiet ohra li jikkoncernaw l-eredita ta' missierhom.

2. Il-kwistjoni kollha hija jekk is-self thallasx kollu. Filwaqt li l-atturi jghidu li fadal bilanc ta' sebgha mitt lira Maltija (Lm700), il-konvenuti jghidu li hallsu l-ammont kollu.

3. Huwa maghruf li min jallega l-pagament ta' dejn, irid jaghti prova tieghu. Jigi osservat li:-

(a) Il-konvenuti ma pprezentaw l-ebda ricevuta li meta ghamlu l-ahhar pagament [fl-1998] kif ighid li hallas il-konvenut, dan kien ghas-saldu. Fatt li fih innfisu m'huwiex bizzejjed pero' biex wiehed jikkonkludi li d-debitur ma hallasx.

(b) Il-konvenut xehed li huwa ma zammx *records* ta' meta saru l-hlasijiet;

(c) Mistoqsi sabiex jispjega kif huwa [tramite l-avukat difensur tieghu] kien iddikjara li lest li jhallas Lm500 ghas-saldu ta' kull pendenza li kellu ma' l-attur dwar is-self *brevi manu,* meta qieghed ighid li d-dejn thallas kollu, ma kienx kapaci jaghti risposta. Mill-kontenut ta' l-ittra datata 26 ta' Awissu 2002 jidher li l-kwistjoni odjerna u dik dwar l-eredita kienu qeghdin jigu trattati separatament u wahda ma kenitx tiddependi fuq l-ohra. Wiehed jifhem li min m'huwiex debitur ma jaghmilx dikjarazzjoni bhal dik li saret minghajr ebda rizerva.

(d) Il-konvenut xehed li huwa kemm-il darba qal lill-huh sabiex jaghmlu karta bejniethom dwar il-flus. Fl-istess nifs pero' ighid li huwa dejjem kien jafdah.

(e) L-inkwiet bejn l-ahwa nqala' proprju wara l-mewt ta' missierhom fuq l-eredita tieghu. Dan kien fl-istess zmien li l-atturi talbu l-hlas tal-bilanc.

4. Fic-cirkostanzi t-Tribunal m'huwiex moralment konvint li l-konvenuti hallsu lura d-dejn u anzi jemmen il-verzjoni moghtija mill-atturi.

5. Ghal dak li jikkoncerna l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali [Artikolu 2156 tal-Kodici Civili] sollevata mill-konvenuti fl-ahhar seduta, din ukoll qeghda tigi michuda ghaliex il-hames snin ma ghaddewx. Fil-fatt jirrizulta li l-ahhar pagament sar fis-sena 2000 fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300). B'hekk il-perjodu ta' preskrizzjoni gie interrott permezz ta' hlas akkont u l-preskrizzjoni regghet bdiet tiddekorri.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha mitt lira Maltija lill-atturi, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------